Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 320/2017

**Wara l-ittra ufficjali 817/2017**

**Simon Grech (appellat)**

**Vs**

**Maria Deguara (appellanti)**

It-Tnejn, 2 ta' Lulju, 2018.

1. B'decizjoni tal-1 ta' Frar, 2018 il-Qorti tal-Magistrati (Malta) cahdet it-talba tal-appellanti sabiex tiddikjara li l-ittra ufficjali numru 817/2017 ma gietx notifikata skont il-ligi u sabiex thassar il-mandat ta' sekwestru ezekuttiv numru 963/2017.

2. **Fatti**.

   i. Fid-19 ta' April, 2017 Grech ipprezenta ittra ufficjali guramentata *ai termini* tal-artikolu 166A tal-Kap. 12 kontra Deguara, ghas-somma ta' €7,493.63 hlas " *…. ghal fornituri ta' materjali, xoghlijiet u servizzi rezi lilek, fil-kwalita tieghu bhala plumber u electrician, u dan in kwantu jikkoncerna xoghlijiet li gew ezegwiti u materjali li gew forniti, fl-istabbiliment bl-indirizz surriferit u ghal beneficcju tieghek u dik tal-intrapriza tieghek …. U dana skont l-invoices hawn annessi u mmarkati bhala Dok. 'A' u 'B' ".*
   ii. Fl-ittra ufficjali hemm stampat l-avviz li skont il-Legislazzjoni Sussidjarja 12.22 ghandha tinghata lill-intimat/a.

iii. Fis-25 ta' April, 2017 saret in-notifika tal-ittra ufficjali personalment lill-appellanti. Fil-kopja li kienet notifikata lill-appellanti, m'hemmx it-timbru li l-ittra ufficjali kienet guramentata.

iv. Fuq l-istess ittra ufficjali, ir-Registratur iddikjara: *"Reza ezekuttiva skont Art 166A Kap. 12 29 ta' Mejju, 2017"*. Hu ghalhekk evidenti li fit-terminu kontemplat mil-ligi, l-appellanti ma kkontestax l-ittra ufficjali bil-procedura li tikkontempla l-istess ligi.

v. Fit-30 ta' Mejju, 2017 l-appellat ipprezenta rikors ghall-hrug ta' mandat ta' sekwestru ezekuttiv (963/2017) ghas-somma dikjarata fl-ittra ufficjali, imghax u l-ispejjez. Dakinhar stess il-Qorti tal-Magistrati (Malta) laqghet it-talba.

vi. Fit-23 ta' Ottubru, 2017 l-appellanti ipprezentat rikors fejn talbet lill-ewwel qorti sabiex: *"(i) tiddikajra illi din l-ittra ufficjali 166A bin-numru 817/2017 ma gietx notifikata skont il-ligi ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta u konsegwentement tiddikjara li l-istess ittra ufficjali ma hijiex ezekuttiva ghar-ragunijiet fuq imsemmija u (ii) tiddikjara li l-mandat ta' sekwestru bin-numru 936/17 huwa null u bla effett fil-ligi u li konsegwentement ghandu jigi rexxiss, salvu kull provvediment iehor li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u opportun"*.

3. Fid-decizjoni tal-1 ta' Frar, 2018 l-ewwel qorti cahdet l-oggezzjonijiet tal-appellanti. Fl-ewwel stadju kienet qeghda ssostni li l-ittra ufficjali li rceviet ma kienx fiha dikjarazzjoni li l-kontenut gie kkonfermat bil-gurament; id-dejn ma kienx cert, likwidu u dovut; u ma kinitx il-legittimu kontradittur peress li x-xoghol kien sar fuq inkarigu ta' missierha.

4. Fit-8 ta' Frar, 2018 l-appellanti appellat mid-decizjoni tal-ewwel qorti. L-aggravju hu li n-notifika tal-ittra ufficjali ma kinitx valida ghaliex fl-artikolu 166A(2) il-ligi tezigi li l-intimat jigi notifikat b'att guramentat. Kompliet issostni li l-att notifikat lill-appellanti ma kienx guramentat; *"In-notifika ta' att li ma jurix fih innifsu li gie guramentat hija notifika evidentement monka ghaliex taghti lok ghall-zewg ipotezi jew li l-att ma giex guramentat u giet notifikata l-*

*ittra ufficjali minghajr ma ttiehed il-gurament, jew li l-att li gie notifikat ma hijeix vera kopja tal-original li jinsab fl-atti tal-Qorti, ghaliex nieqes minn element essenzjali u cioe' l-gurament tal-persuna li tkun pprezentatu".*

5. L-appellat wiegeb fejn ta r-ragunijiet ghalfejn l-appell ghandu jigi michud. L-ewwel eccezzjoni tkun li l-appell sar *fuori termine*. Eccezzjoni li kienet bazata fuq l-artikolu 281(4) tal-Kap. 12. Madankollu hu car li r-rikors li pprezentat ir-rikorrenti ma sarx a bazi tal-artikolu 281 tal-Kap. 12, izda l-artikolu 166(6) tal-Kap. 12. It-tieni talba kienet ovvjament konsegwenzjali ghat-talba ghar-rexxissjoni tat-titolu ezekuttiv. Ghalhekk l-eccezzjoni preliminari hi michuda.

6. F'dan il-kaz m'huwiex kontestat li l-appellanti irceviet l-ittra ufficjali, u ghalhekk kienet taf biha. Paragrafu (i) ta' subinciz (5) jipprovdi ghall-kaz fejn l-ittra ufficjali ma tkunx giet notifikata kif imiss. B'dan il-qorti tifhem fejn per ezempju l-ittra ufficjali tkun giet notifikata skont l-artikolu 187(3) tal-Kap. 12, li skont subinciz (2) mhuwiex wiehed mill-modi kif tista' ssir in-notifika tal-ittra ufficjali.

7. L-ittra ufficjali kien fiha wkoll l-avviz li jrid l-artikolu 166A tal-Kap. 12 u r-regolament 1 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 12.22.

8. Skont l-artikolu 166(5) tal-Kap. 12, it-titolu ezekuttiv ghandu jigi rexxiss f'kaz *"(ii) li* ***l-ittra ufficjali ma kienx fiha l-htigijiet stipulati fis-subartikoli (1), (2) jew (3)"***. Wahda mill-htigijiet hi li, *"l-kontenut taghha ghandu jigi konfermat bil-gurament mill-kreditur"*. F'dan il-kaz fl-ittra ufficjali hemm dikjarat li giet konfermata bil-gurament mill-appellat.

9. Effettivament dak lil gie notifikat lill-appellanti hi kopja tal-ittra ufficjali li l-appellat ipprezenta fid-19 ta' April 2017. Il-ligi ma tghidx li hemm bzonn li fuq l-ittra ufficjali jkun hemm dikjarazzjoni li l-kontenut taghha gie kkonfermat bil-gurament. Il-ligi tipprovdi biss li, *"l-kontenut taghha ghandu jigi konfermat bil-gurament mill-kreditur"*. Dak li l-ligi trid li jkollha l-ittra ufficjali, **taht piena ta' nullita,** huma (subinciz (2) tal-artikolu 166A):

i. Ir-raguni li fuqha tkun ibbazata t-talba;
ii. Ir-ragunijiet ghaliex it-talba ghandha tintlaqa';
iii. Dikjarazzjoni tal-fatti in sostenn tat-talba;

L-ilment tal-appellanti m'huwiex relatat ma' wahda minn dawn il-htigijiet.

10. L-ittra ufficjali kienet konfermata bil-gurament. Ghalhekk dik il-htiega giet sodisfatta, irrispettivament jekk it-timbru tal-gurament kienx jidher fuq il-kopja tal-ittra ufficjali li kienet notifikata lill-appellanti.

11. Il-qorti zzid li mill-ittra ufficjali, kellu jkun car lill-appellanti li kellha minnufih tkellem avukat jew prokuratur legali. Dan hu kaz fejn hu evidenti li l-appellanti minflok tkellmet ma' avukat jew prokuratur legali, meta rceviet l-ittra ufficjali ma tatx kaz ghal dak li jinghad fl-att gudizzjarju in kwistjoni. Ladarba l-ilment taghha ma jaqax taht wiehed mill-kazijiet kontemplata f'subinciz (5) tal-artikolu 166A, l-appell ma jistax jirnexxi.

**Ghal dawn il-motivi:**

1. **Tichad l-eccezzjoni preliminari tal-appellat bl-ispejjez kontra tieghu.**
2. **Tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-appellanti.**

Anthony Ellul.